MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 397/15LM

**Elton Cauchi (K.I. 434491M)**

***vs.***

**Grace Bellia (K.I. 603662M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-28 ta' April, 2015 mill-attur **Elton Cauchi** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

*Illi nhar is-29 ta' Novembru, 2014 l-esponent kien involut f'inċident stradali li seħħ fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida fejn seħħet kolliżjoni bejn il-vettura tal-għamla Volkswagen Passat CC bin-numru ta' reġistrazzjoni IBR-358 misjuqa mill-esponent u l-vettura tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni DBI-505 misjuqa mill-intimata.*

*Illi in konsegwenza għal dan l-inċident stradali l-esponenti sofra danni konsistenti inter alia fi ħsara estensiva fil-vettura tiegħu.*

*Illi l-inċident suriferit seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti stradali da parti tal-intimata u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*Illi l-intimata interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas tad-danni sofferti mill-esponenti naqset milli tagħmel dan u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi l-intimata hija unikament responsabbli għall-inċident stradali illi seħħ nhar is-29 ta' Novembru, 2014 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida bejn il-vettura tal-għamla Volkswagen Passat CC bin-numru ta' reġistrazzjoni IBR-358 misjuqa mill-esponent u l-vettura tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni DBI-505 misjuqa mill-intimata u li konsegwentment l-istess intimata hija responsabbli għad-danni kollha li sofra l-esponent naxxenti mill-istess inċident;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti u dan okkorendo bl-operat ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna l-intimata tħallas dik is-somma hekk likwidata lil-esponenti;*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 440/2015 datata 4 ta' Frar, 2015 kif ukoll dawk tal-ittra uffijċali numru 1526/15 li ġiet ippreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf u bl-intimata minn issa nġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Grace Bellia** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Ġunju, 2015, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi seħħ id-29 ta' Novembru, 2014 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBR-359, proprjetà tal-attur u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBJ-505 misjuqa mill-eċċipjenti;*

2. *In linea preliminari, l-eċċipjenti teċċepixxi illi r-Rikors Ġuramentat odjern ma jinkludiex id-dikjarazzjoni rikjesta fil-Liġi fis-sens illi l-attur jaf personalment il-fatti minnu dikjarati kif rikjest taħt piena ta' nullità mill-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jirrendi r-Rikors Ġuramentat null u mingħajr effett ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*In linea sussidjarja u assolutament mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, l-eċċipjenti teċċepixxi: -*

3. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-Dritt stante li assolutament mhux minnu illi l-eċċipjenti kienet b'xi mod taħti għall-inċident de quo, u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

4. *Illi inoltre, mingħajr preġudizzju għal fuq premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali minnu allegati u reklamati.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-Liġi.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2015 fejn il-konvenuta irtirat it-tieni eċċezzjoni tagħha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fid-29 ta' Novembru, 2014 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, l-Imsida seħħ inċident stradali bejn il-vettura Volkswagen Passat CC misjuqa mill-attur, numru tar-

reġistrazzjoni IBR-358 u l-vettura Toyota Starlet misjuqa mill-konvenuta, numru tar-reġistrazzjoni DBI-505. Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, konsistenti prinċipalment fil-ħsarat fil-vettura tiegħu kkawżati mill-konvenuta, li skont hu kienet responsabbli għall-inċident minħabba li ħarġet għal għarrieda minn *stop sign* għal triq prinċipali eżatt kif waslet mal-*istop sign.* Il-konvenuta min-naħa tagħha qiegħda teċċepixxi li l-attur kien responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għalhekk it-talbiet tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għax assumiet li ladarba ma ratx il-vettura tal-attur meta ħarġet mill-i*stop sign*, l-attur kien ġej bi *speed* eċċessiv u laqatha meta kienet diġà ddrittat fit-triq prinċipali. Il-konvenuta qiegħda wkoll titlob l-aħjar prova tad-danni reklamati mill-attur u qiegħda tikkontesta l-*pre-accident value* tal-vettura tal-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Elton Cauchi** xehed[1] illi dakinhar tal-inċident kien ġej mid-direzzjoni ta' Ħal Qormi sejjer fid-direzzjoni lejn San Ġiljan, fi Triq Mikiel Anton Vassalli , l-Imsida, li hi karreġġjata b'żewġ korsiji, filwaqt li kien qed isuq fuq ix-xellug u kif wasal kważi eżatt mal-*istop sign* ħdejn l-istabbiliment Vella Falzon Bathrooms*,* ħarġet is-sewwieqa l-oħra, il-konvenuta, mill-i*stop sign* u ma laħaqx ibbrejkja. Stqarr li t-triq li kien għaddej minnha kienet isserrep u fin-niżla. L-attur jgħid li laqat il-karozza tal-konvenuta fil-kantuniera ta' wara fejn il-fanal, il-*mudguard* ta' wara u l-bieba, ilkoll fuq il-lemin tal-vettura tagħha. Elton Cauchi jgħid li l-konvenuta baqgħet tagħfas il-gass u baqgħet ħierġa u filwaqt li mal-impatt il-

[1] *A fol.* 39 sa 46.

vettura tiegħu baqgħet mixja dritta, tal-konvenuta peress li baqgħet tagħfas il-gass daret miegħu u spiċċat tħares bil-kontra fuq in-naħa l-oħra tal-vettura tiegħu. Muri l-iskizz esebit mar-rapport tal-Pulizija[2], Cauchi jgħid li ma qabilx mal-iskizz għax fejn hemm indikat li waqfu l-vetturi ma kienx daqshekk 'l bogħod mill-i*stop sign* li tagħti għal Triq Mikiel Anton Vassalli u esebixxa ritratt li ħa wara l-inċident ta' kif spiċċaw il-vetturi. L-attur jgħid li filwaqt li fl-iskizz tidher distanza ta' xi 6 sa 8 karozzi bejn fejn waqfu u fejn ħabtu mal-ħruġ tal-*istop sign,* fir-realtà kien hemm biss bogħod ta' xi karozza tant li l-vettura tal-Pulizija li waqfet warajh kienet qed timblokka l-ħruġ mit-triq fejn hemm l-*istop sign.* L-attur jgħid ukoll li filwaqt li fl-iskizz fejn l-*istop sign* hemm indikat l-ittra D u fil-*main road* hemm 1.8m. *brakemarks,* fir-realtà dawk ma kinux *brakemarks,* iżda il-punt fejn sar l-inċident u bl-impatt it-*tyre* tiegħu sploda u baqa' jkaxkar mal-art u ħalla marka qiesha *brakemark* u indika dan f'żewġ ritratti li esebixxa.[3] L-attur spjega ukoll li kif jidher f'ritratti li ħa xi ġimgħa wara l-inċident[4], fil-post fejn seħħ l-inċident hemm arblu bis-sinjali tat-traffiku viċin ħafna tal-i*stop sign* u spjega li kien hemm li waqfu. Dan lanqas jidher immarkat fl-iskizz u l-attur indikah bl-ittra 'E' fuq l-iskizz tal-Pulizija. Dak li jidher fl-iskizz immarkat bħala '*pole'* li qiegħed fuq in-naħa l-oħra tat-triq 'il quddiem sew mill-i*stop sign.* L-attur jgħid li l-konvenuta ħaduha l-isptar bl-ambulanza u l-Pulizija ma ħadulhiex *statement* fuq il-post tal-inċident. L-attur kellu miegħu bħala passiġġier lil ċertu Clayton John Zammit u fuq il-post tal-inċident waqaf ukoll ċertu Godfrey Dingli. L-attur esebixxa[5] żewġ ritratti, fl-ewwel wieħed xorta ma jidhirx eżatt fejn waqfu l-vetturi in relazzjoni mal-arblu li semma l-attur fil-

---

[2] *A fol.* 26.
[3] *A fol.* 49 u 50.
[4] *A fol.* 48 u 51.
[5] *A fol.* 96.

karreġġjata ta' fejn seħħ l-inċident. Fit-tieni jidher li l-vetturi waqfu eżatt kif skorrew l-arblu li semma l-attur, li qiegħed viċin l-i*stop sign.*

L-attur Elton Cauchi qal li meta kkuntattja lil Allcare Insurance, is-soċjetà assikuratriċi tiegħu, dawn qalulu li ma kellux għalfejn jagħmel *claim* għax kellu raġun u li huma ser jikkuntatjaw lis-soċjetà assikuratriċi tal-vettura tal-konvenuta, Argus Insurance. Meta kellem lil ċertu Mark ta' Argus Insurance, dan kien qallu li ma kienx qed jaqbel dwar il-valur tal-vettura u beda jinsisti miegħu li ma tiswiex aktar minn €15,000, meta hu kien, fuq struzzjonijiet tas-soċjetà assikuratriċi tiegħu kien joħodha għand is-*surveyor* Philip Attard biex jivvalutaha, fis-sena ta' qabel ma seħħ l-inċident, is-surveyor kien stma li tiswa €20,000[6], liema stima kienet ġiet aċċettata mis-soċjetà assikuratriċi tiegħu meta assikurata.

L-attur esebixxa b'nota s-*survey report* ta' Philip Attard, ir-rapport tal-Pulizija[7], fejn hemm l-istqarrija li hu kien għamel fuq il-post tal-inċident[8], li tgħid: "Kont nieżel wara karozza oħra, f'ħin minnhom ħarġitli minn fuq *stop sign* u lanqas ċans nagħfas il-brejk." Il-ħsarat viżibbli fuq il-vettura tiegħu indikati mill-Pulizija fir-rapport, huma fil-*bonnet, front bumper, front right and left wheel, right and left headlights.* L-attur esebixxa wkoll dikjarazzjoni tax-xhud Godfrey Dingli[9], l-ittra interpellatorja mibgħuta lill-konvenuta u lil żewġha Dominic, għal kull interess li seta' kellu, datata 14 ta' Jannar, 2015[10] u l-ittra uffiċjali datata 4 ta' Frar, 2015[11], kif ukoll l-ittra uffiċjali responsiva tal-konvenuta datata 25 ta' Frar,

---

[6] Ara is-*survey a fol.* 27 u 28 datat 20.11.2014, disat ijiem qabel l-inċident b'*assessed market value* ta' €22,000, li juri li din l-vettura ġiet manifatturata fl-2009.
[7] *A fol.* 20 sa 26.
[8] *A fol.* 23.
[9] *A fol.* 29.
[10] *A fol.* 30.
[11] *A fol.* 31.

2015.[12] Ġie esebit ukoll *motor survey report* fuq il-vettura tal-attur magħmul mis-soċjetà tal-assikurazzjoni tal-konvenuta Argus Insurance, mis-*surveyor* Walter Vella[13], li jagħti *pre-accident value* ta' €16,000, *wreck value* ta' €3,000 u stimi ta' *parts* u xogħol biex tissewwa fis-somma ta' €29,493.57. L-attur esebixxa wkoll lista tal-*parts*[14] li kien hemm bżonn jinbidlu fil-vettura tiegħu minħabba l-inċident.

In kontroeżami[15], l-attur Elton Cauchi qal li l-vettura kien xtraha u importaha hu stess mill-Ingilterra *second hand*. L-attur jgħid li kien qed isuq b'mod normali għax kien hemm karozzi oħrajn qablu, b'veloċità ta' madwar 40 u 60 k.p.h. L-attur jgħid li jaf li hemm sinjal qabel l-i*stop sign* li jindika veloċità massima ta' 50 k.p.h. Meta ħarġet il-vettura tal-konvenuta mill-i*stop sign,* l-attur jgħid li ma kellux ċans jagħfas il-*brake* u għafsu biss mal-ħabta. L-attur jgħid li l-konvenuta tant ħarġitlu f'salt, li raha biss kif ħarġet mill-i*stop sign.* Cauchi jgħid li x-xhud Godfrey Dingli kien qed isuq warajh u waqaf warajh mal-inċident, ħareġ u staqsieh kif inhu u ċempel għall-ambulanza għall-konvenuta. L-attur jgħid li ħadlu n-numru tal-*mobile* u wara xi ġimagħtejn ċempillu u ħadu jagħmel dikjarazzjoni għand s-soċjetà assikuratriċi tiegħu Allcare Insurance. L-attur jgħid li waqt l-inċident il-vettura tiegħu kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni u esebixxa wkoll fuq talba tal-kontroparti kopja tal-polza tal-assikurazzjoni u l-iskeda annessa u rċevuti[16] minn fejn jirriżulta li l-vettura meta seħħ l-inċident kienet koperta bir-*renewal* li tħallas fl-1 ta' Settembru, 2014. Il-valur inxurjat tal-vettura tal-attur kien ta' €22,600, li jinkludi aċċessorji, *spare parts* u dazju.

---

[12] *A fol.* 32.
[13] *A fol.* 34 sa 36.
[14] *A fol.* 37 u 38.
[15] *A fol.* 91 sa 95.
[16] *A fol.* 103 sa 107 u 125 u 126.

Fix-xhieda tiegħu s-*surveyor* **Philip Attard**[17] ikkonferma s-*survey* li kien għamel fuq il-vettura tal-attur fl-20 ta' Novembru, 2014 bl-istima ta' €22,000[18] u biex wasal għal din iċ-ċifra qal li bħala *registered surveyor* mal-Malta Insurance Association kien obbligat jagħmel riċerki dwar il-prezz oriġinali tagħha ta' madwar €40,000, ħa in konsiderazzjoni t-tnaqqis bħala *second hand car* mixtrija minn barra u naqqas ċertu perċentwali. Din ma kinitx Volswagen Passat komuni, iżda tip avvanzat CC, *automatic* bil-*full extras* u kienet ukoll Euro5, iġifieri l-aktar avvanzata bħala *emissions compliant.* In kontroeżami[19] Philip Attard spjega li huwa jimxi wkoll fuq il-*guide book* tal-Malta Insurance Association u jieħu kollox inkonsiderazzjoni inkluż l-istat tal-vettura u bħala VRT *tester* kellu wkoll aċċess għar-ritratti fuq is-sistema meta l-vettura kienet għaddiet mill-VRT. Ix-xhud jgħid li normalment jagħmlu dawn it-tip ta' *surveys* għax is-soċjetà tal-assikurazzjoni tkun tat in-numru tiegħu lis-sid biex f'każ li dan ikun irid li l-valur jiġi stmat sew minħabba li l-vettura tkun f'kundizzjoni tajba.

Xehed ukoll **Godfrey Dingli**[20] li qal li kien għamel id-dikjarazzjoni li tinstab *a fol.* 29 tal-proċess li tgħid li hu kien qed isuq tul ta' xi 2 jew 3 karozzi lura mill-karozza tal-attur. It-tnejn kienu qed isuqu b'*moderate speed* fuq ix-xellug dakinhar tal-inċident u qal li kif waslu fejn l-i*stop sign* ħdejn Vella Falzon Bathrooms, ħarġet l-iStarlet tal-konveuta mill-i*stop sign* u daħlet fl-attur u waqfu tul karozza mill-istess *stop sign.* Ix-xhud jgħid li hu flimkien ma' Taljan li kien fuq mutur, ta l-assistenza lill-konvenuta u l-għada kienu ċemplulu l-Pulizija biex jagħtihom *statement.*

[17] *A fol.* 52 sa 54.
[18] *A fol.* 27 u 28.
[19] *A fol.* 134 u 135.
[20] *A fol.* 55 sa 59.

In kontroeżami[21] Godfrey Dingli jgħid li lil Elton Cauchi ma jafux. Mistoqsi jekk joqgħodx kantuniera 'l-bogħod mill-attur f'Ħal Qormi, wieġeb li hu kien joqgħod Ta' Farsina u mar joqgħod fi Triq Santa Katerina Ħal Qormi minn Mejju 2015. L-unika ħaġa li jaf dwar l-attur hija li hu minn Ħal Qormi. Dakinhar tal-inċident f'Novembru bejn is-6.00 u s-7.00p.m., kien għadda minn taħt il-mina sejjer lejn il-Gżira u kien xi żewġ karozzi tul 'il bogħod mill-karozza tal-attur. Hu kien qed isuq mhux iżjed minn 60 k.p.h. u fejn ix-*showroom* ta' Vella Falzon Bathrooms kien ra l-vettura tal-konvenuta appena ħierġa mill-i*stop sign* u l-attur taha d-daqqa hekk kif ħarġet. Ix-xhud jgħid li hu waqqaf il-karozza eżatt wara tal-attur u wara kellu jniżżilha ftit aktar 'l isfel għax kienet qed timblokka l-ħrug minn fejn l-i*stop sign.* Mistoqsi kif seta' jgħid l-i*speed* tal-vettura tal-attur meta raha biss kif waslu ħdejn l-i*stop sign,* ix-xhud wieġeb li hu seta' jikkalkula biss l-i*speed* tiegħu stess. In rieżami[22] x-xhud jgħid li kien ra l-vettura tal-attur ftit qabel l-impatt u t-tnejn kienu fl-i*slow lane.* Qal ukoll li ma setax jgħid f'liema punt laħaq ra l-vettura tal-attur. Muri wieħed mir-ritratti li kien ħa l-attur esebit *a fol.* 96 tal-proċess, ix-xhud ikkonferma l-pożizzjoni kif kienu l-vetturi eżatt wara l-ħabta.

Xehed ukoll **Clayton John Zammit**[23], il-passiġġier li kellu miegħu fil-vettura tiegħu l-attur dakinhar tal-inċident. Ix-xhud jgħid li dakinhar wara li ħarġu mill-mina ta' Santa Venera sejrin lejn l-Imsida mixjin wara karozzi oħrajn fuq il-karreġġjata tax-xellug, eżatt kif waslu ma' ġenb l-i*stop sign,* ħarġitilhom il-konvenuta bil-vettura tagħha u l-impatt fuq il-vettura tal-attur kien quddiem u jgħid l-vettura ta' dik il-mara daret bil-kontra. Fir-rigward tal-iskizz tal-Pulizija (*a fol.* 26), ix-xhud ikkonferma dak li kien qal l-attur u ċjoè li l-vetturi ma waqfux

[21] *A fol.* 107 sa 111.
[22] *A fol.* 111 sa 113.
[23] *A fol.* 60 sa 63.

wisq 'il bogħod mill-*istop sign,* iżda biss distanza ta' xi vettura. Ix-xhud jgħid li fil-fatt il-vetturi waqfu ma' ġenb l-arblu li kien viċin l-i*stop sign.* Fir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 24), l-istqarrija li ta Zammit lill-pulizija wara l-inċident kien tgħid hekk: "konna neżlin wara l-vetturi u f'daqqa u l-ħin ħarġet din u lanqas naf x'ġara." In kontroeżami[24] Clayton John Zammit ikkonferma li hu jsuq. Ix-xhud jgħid li bħala passiġier kkalkula li l-attur ma kienx qed isuq aktar minn 60 k.p.h. u dan minn qabel id-dawra kif taqbeż il-mina. In rieżami[25] ix-xhud jgħid li l-vettura tal-konvenuta ra ħierġa mill-i*stop sign* u l-attur laqatha quddiem fil-ġenb mhux wara tal-vettura tagħha.

Xehdet ukoll **WPS 325 Victoria Fenech Buontempo**[26] li kienet marret fuq il-post tal-inċident u qalet li l-karozzi kienu għadhom fejn waqfu wara l-inċident. Ix-xhud spjegat li mill-memorja mhux ser tiftakar għax ikollha ħafna kolliżjonijiet. Ix-xhud tgħid li l-vetturi sabithom 19.10 metri 'l bogħod mill-i*stop sign* u li l-iskizz li għamlet mhux *to scale,* għalkemm fuq l-iskizz tindika għal kull metru, ċentimetru. It-telefonata dwar l-inċident waslitilha xi nofs siegħa wara l-inċident u hija marret mill-ewwel fuq il-post tal-inċident. In kontroeżami[27] x-xhud tikkonferma li l-*point of impact* kien fuq il-lemin tal-vettura tal-konvenuta. Mistoqsija jekk tiftakarx li l-vetturi waqfu fejn l-arblu tas-sinjali viċin l-i*stop sign,* hija qalet li ma setgħetx tiftakar. Ix-xhud esebiet ukoll rapport tal-isptar Mater Dei hekk kif il-konvenuta ġiet ammessa l-isptar[28] u d-dikjarazzjoni tal-konvenuta[29], in vista li kienet korriet, fejn iddikjarat li ma xtaqitx tipproċedi bi proċeduri kriminali kontra l-attur in konnessjoni mal-inċident *de quo.*

[24] *A fol.* 116 sa 118.
[25] *A fol.* 118.
[26] *A fol.* 69 sa 71.
[27] *A fol.* 72 sa 74.
[28] *A fol.* 88.
[29] *A fol.* 89.

Il-konvenuta **Grace Bellia** fl-*affidavit* tagħha[30] tgħid li hija riedet toħroġ mit-triq fejn Vella Falzon Bathrooms biex taqbad il-*by-pass*, fid-direzzjoni ta' San Ġiljan. Qalet li hija waqfet zoptu kif waslet fit-tarf tat-triq u ħarset fuq il-lemin u setgħet tara sat-tarf tal-liwja xi tul ta' tmien karozzi. Meta rat li mhux ġej traffiku, ħarġet fil-*by-pass* u tgħid li kienet diġà daħlet u ddrittat fis-*slow lane* u mir-*rear view mirror* ma rat ebda karozzi warajha. Il-konvenuta tgħid li hija ikkalkulat li peress kienet għadha kemm qalgħat mill-i*stop sign* ma kinitx qed issuq aktar minn 30 k.p.h. Dak il-ħin ħasset daqqa tremenda, tant li l-karozza tagħha daret tħares in-naħa l-oħra tat-triq. Ix-xhud tgħid li tawha l-assistenza Taljan li kien qed isuq mutur u ċertu Godfrey Dingli li tiftakar li qallilha li kien waqaf għax ra l-karozzi maħbutin u ma kienx ra l-inċident. Il-konvenuta tgħid ukoll li x-xufier li laqatha kien ġej b'velocità kbira kif jirriżulta mid-daqqiet li kien hemm fuq il-vetturi. Qalet li f'dik il-parti tat-triq hemm limitu ta' 40 k.p.h. u ikkalkulat li l-attur biex laħaqha, kien qiegħed isuq anki bit-80 k.p.h. Il-konvenuta tgħid ukoll li ma taqbilx mar-rapport tal-Pulizija. Fl-istqarrija li tat il-konvenuta lill-Pulizija l-għada tal-inċident hija tgħid:

> "Kont tiela' fit-telgħa u ħarist u ma rajt lil ħadd, f'daqqa waħda ħassejt karozza oħra tidħol fija u spiċċajt biex dort bil-vettura. Waqaf Taljan u xi nies oħra biex jagħtu l-ewwel għajnuna u bdejt nistaqsi ma' min kont ħbatt u għadda ftit ħin sakemm rajt lix-xufier tal-vettura li ħbatt magħha."

In kontroeżami l-konvenuta[31] tgħid li d-daqqa li qalgħet meta kienet dritta fis-*slow lane* ma tafx fejn qalgħatha. Mistoqsija illi jekk tassew kienet miexja dritta, allura suppost id-daqqa ħaditha fuq wara, il-konvenuta wieġbet li jista' jkun li l-attur qasam il-*lane* għal fuqha. Mistoqsija li l-ħsara fuq il-vettura tagħha kienet

[30] *A fol.* 76 sa 78.
[31] *A fol.* 157 sa 162.

kollha fuq il-ġenb, il-konvenuta qablet li d-daqqa kienet fil-ġenb tal-vettura tagħha u eskludiet li kienet fuq wara.

Xehed ukoll **Victor Xuereb**, rappreżentant tal-Allcare Insurance Limited illum Middlesea, is-soċjetà assikuratriċi tal-attur, li jgħid[32] li l-polza tal-assikurazzjoni tal-attur kienet *third party only* u esebixxa l-assikurazzjoni minn Ottubru 2013 sa 30 ta' Settembru, 2014[33] li kienet tindika valur tal-vettura tal-attur bħala €0. Xhud oħra, impjegata mal-istess soċjetà tal-assikurazzjoni, **Kirsten Coppola**[34] spjegat li peress li dik is-sena il-vettura tal-attur kienet assikurata biss *third party only* u mhux *third party, fire and theft*[35] jew *comprehensive,* il-*premium* ma jiġix ikkalkulat fuq il-valur tal-vettura tal-assikurat.

Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud **Walter Vella**[36], l-*in house surveyor* tal-Argus Insurance Agencies Limited, is-soċjetà assikuratriċi tal-konvenuta, jgħid li huwa kien għamel *survey* fuq il-vettura tal-attur wara l-ħabta.[37] Ix-xhud ikkonferma is-*survey* li għamel fis-17 ta' Diċembru, 2014 fuq il-vettura tal-attur u jgħid li minħabba l-ħsara estensiva li kellha il-vettura, it-tiswijiet kienu ser jiġu jiswew aktar mill-valur tagħha[38] u għalhekk ġiet meqjusa bħala *beyond economical repair.* Ix-xhud jgħid li wasal għaċ-cifra ta' €16,000 bħala *pre-accident value* billi qies li kienet vettura importata *second hand*. Ix-xhud talab lill-attur għall-irċevuti ta' meta kien xtara l-vettura, li qatt ma ngħatawlu u tkellem ma' importaturi ta' dawn it-tip ta' vetturi. Dwar ir-*wreck value* ta' €3,500, ix-xhud jgħid li dan ġie stabbilit billi s-soċjetà Argus Insurance Agencies Limited tibgħat

[32] *A fol.* 137.
[33] *A fol.* 139 sa 149.
[34] *A fol.* 155 u 156.
[35] *A fol.* 126, kif kienet fi żmien l-inċident.
[36] *A fol.* 164.
[37] *A fol.* 34 sa 36.
[38] Aktar minn €29,000.

ritratti tal-vettura lil diversi persuni li jixtru *wrecks* u jikkalkulaw fuq l-aħjar offerti.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Tqis fl-ewwel lok li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar id-dinamika ta' kif seħħet il-ħabta, bejn dak li xehdet l-konvenuta min-naħa l-waħda u dak li xehed l-attur u l-passiġġier li kien miegħu fil-vettura tiegħu u sewwieq ta' vettura oħra li inzerta wara l-attur filwaqt tal-inċident, ċertu Godfrey Dingli, min-naħa l-oħra. Filwaqt li l-konvenuta tgħid li hi kienet diġà daħlet fl-*islow lane* tal-*by-pass* meta daħal fiha l-attur, min-naħa tiegħu l-attur u x-xhieda Godfrey Dingli u Clayton John Zammit jgħidu li l-konvenuta ħarġet għal għarrieda mill-*istop sign* u kien proprju hemmhekk eżatt li seħħ l-inċident.

Dan hu każ tipiku fejn mhux l-ewwel darba l-ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet dijamettrikament opposti għal xulxin. Anzi, meta kawża tkun ikkontestata fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Din il-Qorti għaldaqstant bilfors trid tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet u possibbilitajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[39] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel

[39] **Borg *vs.* Bartolo**, App. Inf., 25.06.1980.

ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[40] Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia** jingħad:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[41]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs.* Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawza għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfiliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jesistix xi

[40] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kum., 25.02.1952.
[41] P.A., 24 ta' Novembru, 1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.

fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[42]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Brigitte Vella *pro et noe vs.*** **Richard Vella**[43] ġie kkonfermat li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn verżjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda e.g. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perijodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-gudikant".

Il-każ odjern jiċċentra l-ewwel u qabel kollox fuq il-kredibilità tax-xhieda. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[44], fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

---

[42] Ara *w*koll P.A., 09.12.2011 **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***
[43] Q.A., 05.10.2001.
[44] App. Inf., 12.04.2007.

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timpani a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, Pt.i, pġ.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara **Vol. XXXVII, Pt.i, pġ.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol. XXIV. Pt.i, pġ.104)".

Illi meta dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jiġu applikati għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, din il-Qorti tasal għal konvinċiment morali li l-verżjoni kredibbli hija dik tal-attur u taż-żewġ xhieda Clayton John

Zammit u Godfrey Dingli. Mill-kontroeżami li sar lix-xhud Godfrey Dingli, jidher li kien hemm suspett qawwi mill-kontroparti ta' xi tip ta' kollużjoni bejnu u bejn l-attur u dan għax inzerta li hu u l-attur kienu joqgħodu t-tnejn Ħal Qormi, saħansitra kantuniera 'l bogħod minn xulxin. Però dawn kienu biss asserzjonijiet gratuwiti u fid-dawl tal-prinċipju bażilari għal li dawk li huma provi, illi min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis illi l-konvenuta ma rnexxilix tipprova din l-insinwazzjoni tagħha.

Tabilħaqq teżisti diskrepanza lampanti bejn kif ġew indikati l-vetturi fuq l-iskizz li sar minn WPS Victoria Fenech Buontempo u fejn effettivament spiċċaw il-vetturi tal-partijiet. Dan għaliex meta wieħed iqabbel dan l-iskizz mar-ritratt (*a fol.* 96), jirriżulta li effettivament il-vetturi tassew spiċċaw ferm aktar viċin il-ħruġ tat-triq li mill-Wied tal-Imsida tagħti għal fuq il-*by-pass* ta' Santa Venera. Dan apparti żbalji ovvji fl-iskizz li mhumiex ġustifikabbli, bħan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura tal-attur li ġie mniżżel ħażin u dettalji importanti li ma tniżżlux fl-istess skizz, bħall-arblu fil-karreġġjata fejn ħabtu l-vetturi.

Iżda apparti dan kollu, il-mod kif spiċċat il-vettura tal-konvenuta tħares fid-direzzjoni tal-mina ta' Santa Venera, ifisser li din ma setgħetx kienet diġà miexja dritta fl-*inner lane* tal-*by-pass* meta qalgħet id-daqqa mill-vettura tal-attur, li mhuwiex ikkontestat id-daqqa ħaditha fil-ġenb tal-lemin tal-karozza tagħha. Li kieku tabilħaqq kienet diġà ddrittat qabel il-ħabta, bil-ħabta fil-ġenb kienet tispiċċa mfarrka fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u mhux iddur in-naħa l-oħra tal-vettura tal-attur. Biex effettivament b'daqqa fil-ġenb ta' quddiem spiċċat in-naħa l-oħra tal-vettura tal-attur, bilfors li din kienet għadha ħierġa laġenba mill-i*stop sign.*

Veru li fl-iskizz jidhru *brake marks* ta' 1.8 metri viċin l-istess *stop sign,* iżda kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Marthese Vella *pro et noe vs.* Carl Mario *sive* Karl Micallef *et***[45] *skid marks* waħedhom la jfissru ħtija u lanqas nuqqas tagħha:

> "Din il-Qorti ma ssibx li Micallef għandu xi difiża meritevoli għal dak li seħħ. Hu fatt illi t-triq li kien isuq fiha kienet kollha nida, fattur li minnu nnifsu jitfa' fuq is-sewwieq kura akbar minn normal fil-kontroll tal-vettura tiegħu. Micallef kien qed jersaq lejn kisra fit-triq, li jidher li kienet pjuttost qawwija. Kif qed jikser hu jixhed li skiddja. Hu jixhed ukoll li l-i*speed* tiegħu kien baxx ħafna u beda jżidu hekk kif kiser billi t-triq hi għat-telgħa. Rigward l-ispeed din ix-xiehda hi kontradetta mill-fehma esperta tal-espert tat-traffiku li jqabbel l-ħsara qawwija fil-binja li daħal fiha Micallef ma' speed elevat.
>
> *Skidding* per se mhix indikazzjoni ta' responsabbilità. Hu assodat fil-ġurisprudenza tagħna illi *skid* huwa fattur newtrali u la jfisser ħtija u lanqas in-nuqqas tiegħu (ara **George Spiteri *vs.* Paul Cassar *et***, P.A. 30/06/1993). Ġie ritenut ukoll illi "*skid* weħidha mhijiex la prova ta' negliġenza u lanqas diskriminanti. Trid issir indaġini jekk kienx hemm negliġenza antiċedenti jew konkomitanti. Jekk din tirriżulta, allura hemm responsabbiltà nonostante l-i*skid*" (**Pulizija *vs.* Alfred Attard**, Vol. XLVII.IV.1195).
>
> Bingham, fit-test '*Motor Claims Cases*', paġna 122 igħid "*A defence of skidding is sometimes raised in answer to a prima facie case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus of proof on the defendant".*
>
> Jinsab ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **Giuseppe Borg *noe vs.* Algernon Crockford *noe,*** deċiża fit-18 ta' April, 1952, illi "l-i*skid* bħala tali ma jeskludiex ir-responsbilitajiet u għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk l-istess 'skid', f'kul każ in partikolari, kienx dovut għall-ħtija ta' xi ħadd, kif ukoll jekk setgħax jiġi evitat jew korrett; għax l-'i*skid*' jista' jkun ukoll provokat mill-mod kif wieħed isuq, billi d-*driver* ma jkunx ħa l-prekawzjonijet neċesarji li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrekjedu. L-'i*skid*' huwa ċirkustanza newtra, għax jista' jkun l-effett

[45] P.A., 27.03.2014.

ta' negliġenza preċedenti, jew negliġenza ta' '*third party*', jew dovut għall-aċċident inevitabbli".

Fil-kawża odjerna l-attur jinsisti li hu għafas il-*brake* wara l-ħabta għax il-konvenuta ħarġet f'salt mill-i*stop sign.* L-attur qal li dawk indikati bħala *brake marks* fuq l-iskizz kienu fil-fatt is-sinjali ta' meta splodilu t-*tyre* mal-ħabta. Iżda irrispettivament minn dan kollu, anki kieku tassew dawn kienu *brake marks* u kienu biss ta' 1.8 metri, dawn huma indikattivi ta' *speed* moderat.

Magħdud ma' dawn il-fatturi, m'hemmx dubju li l-attur kien il-*main road user* u kellu id-dritt ta' preċedenza. Fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited vs Raymond Vella**[46] ntqal rigward dan il-punt illi:

"(i) B'abbraċċ tal-enunċjazzjoni fl-Appell Kriminali "***The Police vs*. Jack Morris**", 24 ta' Lulju, 1937, jingħad li "l-liġi tagħna ma tenunzja strettament ebda regola ta' kif għandhom jiġu kwalifikati '*major*' u '*minor road*'. In-nozzjoni ta' dina d-differenza hija relattiva, u '*the same road may be a major road with regard to a particular intersection with another road, and a minor road with regard to another intersection with a different road*'" - "**John Mary Gauci *vs.* Victor Urry**", Qorti Ċivili, Prim' Awla, 7 ta' Mejju, 1966 (**Kollez. Vol. L, P. II, p, 194**);

(ii) Fir-regolamenti ma hemmx definizzjoni speċjali ta' '*major*' u ta' '*minor road*', u triq hija *major* biss in relazzjoni għal dawk it-toroq l-oħra li jikkonverġu fuqha. Kwindi żewġ *minor roads* ta' importanza ugwali huma *major* in relazzjoni għal xulxin u b'hekk jibqgħu ugwali.

Minn dan jidher li l-punt li jrid jiġi deċiż huwa jekk iż-żewġ toroq in kwestjoni humiex ta' importanza ugwali; dan, in bażi għall-wisgħa taż-żewġ toroq, il-volum tat-traffiku li jgħaddi minnhom u d-direzzjoni tagħhom" - "**Lawrence Gauci *vs*. Michael Angelo Dimech**", Qorti Ċivili, Prim' Awla, 2 ta' Ġunju, 1966 (**Kollez. Vol. L P II p 259**);

(iii) "Tali apprezzament għandu jsir l-aktar, jekk mhux esklusivament proprju fil-każijiet fejn ma hemmx sinjali li jindikaw l-importanza relativa

[46] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 22.06.2005 *per* Imħallef Philip Sciberras.

tat-toroq għaliex altrimenti wieħed irid jobdi d-direttivi mogħtija" - "**Patrick Boffa *vs.* Olga Mifsud**" Qorti Ċivili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1993;"

Illi sewwieq fis-sitwazzjoni tal-konvenuta kellu:

"l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-*main road*, u għandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma joħroġ fiha u għandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u saħansitra iwaqqaf sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara".[47]

Illi għandu jiġi ppreċiżat illi:

"min ikun ħiereġ minn *side street* għal *main road* għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf għal kollox jew joħroġ *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* għandu juża grad ta' diliġenza l-iżjed għolja u viġilanza l-iżjed qawwija, billi għandu d-dmir iċedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq prinċipali, għax il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha."[48]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited *vs.* Raymond Vella**[49] ntqal:

"Minn dawn il-prinċipji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel ċertament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli għall-inċident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta' jiġi kwalifikat bħala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jġib prova adegwata li l-kawża prossima tal-kolliżjoni kienet għal kollox jew in parti dovuta għan-negliġenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jagħmel dan, il-*main road user* jibqa'

---

[47] **Il-Pulizija vs Anthony Galea**, App. Krim., 5.09.1953 (**Kollez. Vol. XXXVII, P. IV, p. 1137**); **Joseph Rizzo vs Paul Micallef**, Q.A., 06.12.1974.
[48] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 22.06.2005.
[49] App. Inf., 22.06.2005 *per* Imħallef Philip Sciberras.

sostenut mill-preċitata presunzjoni. Ara "**Cecil Ellul *vs.* Joseph Muscat**", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999."

Tqis illi mix-xhieda l-aktar kredibbli u attendibbli, ċjoè dik ta' Godfrey Dingli li għandu jitqies li huwa indipendenti miż-żewġ partijiet, jirriżulta li dak li stqarret il-konvenuta fl-*affidavit* tagħha, illi waqfet u aċċertat li mhux ġejjin vetturi fil-*by-pass*, tant hu hekk biex turi kemm kienet attenta qalet saħansitra li ma rat l-ebda vetturi ġejjin mir-*rear view mirror,* meta kienet skont hi diġà dritta fl-i*slow lane tal-by-pass,* mhuwiex minnu. Ix-xhud Godfrey Dingli qal li kif ħarġet l-konvenuta laqatha l-attur, li jfisser li l-konvenuta ma kinitx qed iżżomm *a proper look-out* meta ħarġet mill-i*stop sign.* Kieku l-konvenuta baqgħet ma rat xejn mir-*rear view mirror* sakemm ħabat fiha l-attur, kien ikun ifisser li jew attur waqa' mis-smewwiet jew li l-konvenuta ma kinitx qed iżżomm *a proper look-out.* Ma ġiex ippruvat mill-konvenuta lanqas li kien hemm xi korresponsabbilità ta' kontributorjetà da parti tal-attur għax ma ġiex ippruvat li kien hemm xi veloċità eċċessiva min-naħa tiegħu. Il-konvenuta lanqas biss ratu u għalhekk ma setgħetx tgħid kif kien ġej. Din il-Qorti hija konvinta li kienet l-azzjoni inkonsulta tal-konvenuta li ħarġet għal għarrieda mill-i*stop sign,* hekk kif l-attur kien kważi livell magħha, il-vera u unika kawża tal-inċident mertu tal-kawża. Ix-xhud Godfrey Dingli li kien qed isuq wara l-vettura tal-attur ikkonferma dan kollu. Allura din ġabet lill-attur fl-impossibilità li jevita lill-istess konvenuta. Il-pożizzjoni kif spiċċat il-vettura konvenuta ma tfissirx neċessarjament xi veloċità eċċessiva da parti tal-attur, iżda hu aktar probabbli li l-konvenuta ppruvat tisskapulah wara l-mument tal-ħabta billi għafset il-gass u bil-*momentum* tal-ħabta u ż-żewġ vetturi jitkaxkru ma' xulxin, kif inhu evidenti mill-ħsarat fil-ġenb tal-lemin kollu tal-vettura tal-konvenuta, li din spiċċat quddiem il-vettura tal-attur u imbuttata tħares in-naħa tal-mina ta' Santa Venera.

Stabbilita r-responsabbiltà esklussiva tal-konvenuta għall-inċident, irid jiġi stabbilit il-*quantum* tal-ħsarat sofferti mill-attur. Hawn ukoll mill-mistoqsijiet li saru mill-avukat tal-konvenuta lis-*surveyor* Philip Attard u mit-talba biex jiġu prodotti l-poloz tal-assikurazzjoni tal-vettura tal-attur, illi kien hemm suspett qawwi da parti tal-konvenuta li l-prezz tal-vettura tal-attur qabel l-inċident ġie b'xi mod minfuħ sabiex l-attur japprofitta ruħu minn din il-ħabta. Din il-Qorti tqis illi ma ġie ppruvat xejn minn dawn is-suspetti. Kif jiġri f'każijiet ta' vetturi li jkollhom ħafna aċċessorji u *extras* li jkunu miżmuma fi stat verament tajjeb minkejja li jkollhom għadd ta' snin fuqhom, is-soċjetajiet tal-assikurazzjoni jaċċettaw valur ogħla minn dak normalment stabbilit abbażi tad-data tal-manifattura tal-vettura, billi jitolbu li jsir *survey report* tal-kundizzjoni tal-vettura. Huwa proprju dan li ġara f'dan il-każ kif fil-fatt ġie ppruvat mis-*survey report* ta' Philip Attard. Il-fatt li dan is-*survey report* sar fl-20 ta' Novembru, 2014, ftit tal-ġimgħat wara li nħarġet il-polza tal-assikurazzjoni relattiva fl-1 ta' Ottubru, 2014, ma jnaqqas xejn mill-validità tal-konstatazzjonijiet tas-*surveyor* Philip Attard, 'il għaliex il-kumpannija tal-assikurazzjoni setgħet talbet il-konferma tal-valur assikurat wara li ħarġet il-polza tal-assikurazzjoni. Lanqas il-fatt li s-*survey report* ta' Philip Attard sar disat ijiem qabel l-inċident mertu tal-kawża m'għandha titqies bħala konsiderazzjoni rilevanti. Is-*survey* report li sar minn Walter Vella l-*inhouse surveyor* tas-soċjetà tal-assikurazzjoni tal-konvenuta seta' jagħti biss il-*pre-accident value* abbażi ta' konġetturi u assunzjonijiet u bl-ebda mod ma xxejjen il-valur stabbilit minn Philip Attard. Għalhekk din il-Qorti tqis illi l-valur reali tal-vettura tal-attur qabel l-inċident inkwistjoni kien ta' €22,000, u ladarba l-konvenuta kienet unikament responsabbli għall-inċident, hi trid tagħmel tajjeb għad-danni kaġunati sabiex l-attur jerġa' jkollu f'idu l-valur tal-vettura li tilef. Iżda kif ġie stabbilit mis-*survey* ta' Argus Insurance Agencies Limited, ir-*wreck value* tal-vettura kien ta' €3,500,

liema valur ma ġiex ikkontestat mill-attur. Ladarba ma ġewx ippreżentati provi li l-attur iddispona mir-*wreck* tal-vettura, il-valur dovut lill-attur bħala danni hija s-somma ta' €22,000 imnaqqas ir-*wreck value* ta' €3,500. Id-danni ppruvati li għalhekk sofra l-attur huma fis-somma ta' €18,500.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

**2. Tiddikjara illi l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident stradali illi seħħ nhar id-29 ta' Novembru, 2014 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, l-Imsida bejn il-vettura tal-għamla Volkswagen Passat CC bin-numru ta' reġistrazzjoni IBR-358 misjuqa mill-attur u l-vettura tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni DBI-505 misjuqa mill-konvenuta u li konsegwentment l-istess konvenuta hija responsabbli għad-danni kollha li sofra l-attur naxxenti mill-istess inċident;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt Euro (€18,500);**

**4. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt Euro (€18,500) lill-attur.**

**Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 440/2015 datata 4 ta' Frar, 2015 u tal-ittra uffijċali numru 1526/15 li ġiet ippreżentata kontestwalment mar-Rikors Maħluf tal-attur kontra l-konvenuta Grace Bellia.**

Moqrija.